MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 212/2009

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation u tas-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communications AB.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tal-15 ta' Lulju 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici K.B. INT'L COMPANY LTD u lill-kunsinjatarju M.B.M.T. u C.M.C.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Nokia Corporation u Sony Ericsson Mobile Communications AB datat 3 ta’ Marzu 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponew: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta’ Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, u ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB ta’ NYA Vattentornet SE-221 88 Lund, Sweden sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta’ Malta msejha ‘NOKIA’, liema drittijiet gew registrati f’Malta fit-tmintax (18) ta’ Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok “NC 1” u “NC 2”).

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks u Community Designs*, mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: (a) s-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-27 ta’ Marzu 2002 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni E2634632 (Dok “SEMC 1”); (d) l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta’ Jannar 2000 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 001459130 (Dok “SEMC 2”) mis-socjeta` estera Telefonaktiebolaget L M Ericsson u li awtorizzat lis-socjeta` attrici Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex tipprocedi kontra kull vjolazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta` intelletwali skont l-affidavit datat 14 ta’ Novembru 2006 (Dok “SEMC 3”).

Illi fit-tlieta (3) ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgha (2009) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5244540 li dahal gewwa l-Port Hieles fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar 2009 fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema *container* kien fih total ta’ mija u sitta

u erbghin elf u disa' mitt (146,900) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers, covers* u *batteries* (Dok "NC 3") kollha bil-marka 'NOKIA' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u total ta' tliet elef u seba' mitt (3,700) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers* u *covers* (Dok "SEMC 4") kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u bil-kelma ERICSSON anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* inkluz l-ippakkeggjar tal-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward tal-accessorji Nokia, fihom il-marka 'NOKIA' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellatwali ta' Nokia Corporation (Dok "NC 4"); u fir-rigward tal-accessorji Sony Ericsson, fihom is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', il-kelma ERICSSON u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellewatli ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB (Dok "SEMC 5").

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa C.M.C. P/C M. B.M.T minn Tunis-Rades, Tunisia, dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru SZ1480592(Dok "PF 1").

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10 (2) (b) ta' l-Att Dwar it-*Trademark*s (Kap**

**416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap 414**;

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw l-jeddijiet taghhom;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm l-marka 'NOKIA' u accessorji tal-*mobile* li fuqhom hemm s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', il-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5244540 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2"), u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok "SEMC 1") u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SEMC 2"), u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-*mobile* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet

talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) id-dokument esebiti kif jidhru a fol. 5 sa fol. 23 tal-process.

Rat id-digriet datat 15 ta' Lulju 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Novembru 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 22 ta' Awwissu 2009 (fol. 49) fejn ecceppew:-

(1) Illi filwaqt li ma jafu xejn dwar il-fatti jehtieg li r-rikorrenti jipprova l-mandat tieghu, kif ukoll li s-socjeta` estera Sony Ericsson Mobile Communicatuions Ab – li ghaliha huwa qed jidher – ghaliex awtorizzata tmexxi b'dawn il-proceduri billi l-validita` tal-kunsens ghalhekk fid-dokument datat 13 ta' Novembru 2006 – mehud mal-affidavit tal-14 ta' Novembru 2006; Dok "SEMC 3" ezibit mir-rikorrent innifsu – ilu li ghalaq sa mill-31 ta' Dicembru 2007.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 49 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Novembru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Fenech li rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta li s-socjetajiet attrici ghandhom id-dritt li jipprotegu il-markji registrati bhala "NOKIA" u "LIQUID IDENTITY" u ERICSOON u liema markji huma hekk registrati bhala *trademark*s f'Malta u bhala *Community Trademarks* u *Community Designs* mal-O.H.I.M. bil-mod kif indikat fir-rikors guramentat u kif jidher mid-Dok. "NC1", "NC2", "SEMC1"  "SEMC2" u fil-kaz tas-socjeta' Telefonaktiebolagat awtorizzat lis-socjeta' attrici Sony Ericcson Mobile Communications AB sabiex tagixxi kontra kull vjolazzjoni tad-drittijiet intellettwali taghha.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li fit-3 ta' Frar 2009 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5244540 li dahal gewwa l-Port Hieles 29 ta' Jannar 2009 fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema *container* kien fih total ta' mija u sitta u erbghin elf u disa' mitt (146,900) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers, covers* u *batteries* (Dok "NC 3") kollha bil-marka 'NOKIA' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u total ta' tliet elef u seba' mitt (3,700) accessorju tal-*mobiles* li kienu jinkludu *chargers* u *covers* (Dok "SEMC 4") kollha bis-simbolu msejjah "LIQUID IDENTITY" u bil-kelma "ERICSSON" anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-accessorji tal-*mobiles*, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjetajiet attrici protteti kif fuq

indikat. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ Dr. Peter Fenech datat 22 ta’ April 2009 (Dok. “PF2”) u tal-ufficjal tad-Dwana George Agius tal-istess data (Dok. “PF3”).

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-accessorji tal-*mobile* inkluz l-ippakkeggjar tal-istess accessorji hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward tal-accessorji Nokia, fihom il-marka ‘NOKIA’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Nokia Corporation, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellewatli ta’ Nokia Corporation (Dok “NC 4”); u fir-rigward tal-accessorji Sony Ericsson, fihom is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’, il-kelma ERICSSON u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellettwali ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB (Dok “SEMC 5”) u dan kif jidher mir-rapporti datati rispettivament 2 ta’ Marzu 2009 (Dok. “NC4” (Dok. “PF4”) u Dok. “SEMC5” (Dok. “PF5”). Jidher li l-istess merkanzija kienet giet esportata mis-socjeta’ K.B. INT’L COMPANY LTD u destinata lill-konsinatarju/i M.B.M.T u C.M.C.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati jirrizulta wkoll li skont Dok. “SG1” ,“SG2” u “SG3” l-istess Dr. Peter Fenech ghandhu l-mandat necessarju sabiex jaghmel din il-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha ghaliex gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma hemm l-ebda kontestazzjoni ghall-istess

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'accessorji tal-*mobile* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm il-marka 'NOKIA' u accessorji tal-*mobile* li fuqhom hemm is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', il-kelma 'ERICSSON' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CMAU 5244540 kontenenti l-imsemmija accessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Nokia Corporation, fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok "NC 1" u "NC 2"), u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' moghti n-numru ta' registrazzjoni E2634632 (Dok "SEMC 1") u l-kelma ERICSSON liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-13 ta' Jannar 2000 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 001459130 (Dok "SEMC 2").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-entita' intimata;

3. Tordna li l-entita' intimata ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-*mobile* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-*mobile*.

Bl-ispejjez kontra l-entita` intimata b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------